

## DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2008/91/KE

tad-29 ta' Settembru 2008

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni tad-diuron bħala sustanza attiva

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 451/2000<sup>(2)</sup> u (KE) Nru 703/2001<sup>(3)</sup> jistipulaw ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tat-tieni stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u jstabilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bil-ħsieb li jiġu possibbilment inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Dik il-lista kienet tinkludi d-diuron. Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/417/KE<sup>(4)</sup> ġie deċiż li d-diuron ma jkunx inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.
- (2) Skond l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE n-notifikant oriġinali bagħat applikazzjoni ġdida lid-Danimarka fis-26 ta' Ġunju 2007, li kien ġie nnominat Stat Membru relatur bir-Regolament (KE) Nru 451/2000.
- (3) Id-Danimarka evalwat it-tagħrif mibgħut min-notifikant u ħejjiet rapport addizzjonali fil-15 ta' Novembru 2007, filwaqt li rrakkomandat l-inklużjoni tas-sustanza fl-Anness I.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 tas-17 ta' Jannar 2008 li jstipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' proċedura regolari u aċċelerata għall-evalwazzjoni ta' sustanzi attivi li kienu jagħmlu parti mill-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dik id-Direttiva iżda li

ma ġewx inklużi fl-Anness I tagħha<sup>(5)</sup>, daħal fis-seħħ fil-25 ta' Jannar 2008. Fil-każ tad-diuron l-Istat Membru relatur lesta l-valutazzjoni tat-tagħrif mibgħut min-notifikant qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, filwaqt li kkunsidra l-istess kriterji stipulati fl-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni l-Kummissjoni evalwat ir-rapport addizzjonali, u fejn kien rilevanti l-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni, u r-rakkomandazzjoni mill-Istat Membru skond l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 33/2008.

- (5) L-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni ġie revedut mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u ffinalizzat fil-11 ta' Lulju 2008 fil-format tar-rapport tal-Kummissjoni għad-diuron. Huwa kkonċentra fuq il-punti ta' tħassib li wasslu għan-noninklużjoni. Dawn kienu l-espożizzjoni inaċċettabbli tal-operatur, in-natura mhux konklużiva tal-istima ta' riskju possibbli għall-ilma tal-art, minħabba nuqqas ta' ċertezzi għal dak li huwa d-destin ta' ċerti metaboliti, u n-nuqqas ta' data li turi li r-riskju għall-għasafar u l-mammali huwa aċċettabbli.
- (6) Kif stabbilit f'dan ir-rapport l-istruzzjonijiet min-notifikant issa jeħtieġu li l-applikazzjonijiet isiru bi kwantitajiet ħafna iżgħar ta' diuron. Bħala riżultat ta' dan, livelli aċċettabbli ta' espożizzjoni tal-operatur jistgħu jiġu ppruvati, xi uħud minnhom marbuta ma' l-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni. Għar-rigward tar-riskju għall-ilma tal-art, il-mudell tad-degradazzjoni ta' ċerti metaboliti ġie ċċarat min-notifikant u analizzat mill-ġdid mill-Istat Membru relatur li qabel li meta jiġi applikat fuq il-mudelli tal-ilma tal-art ma jinqabiżx il-valur li minnu tiskatta l-azzjoni. Fl-aħħarnett, fuq il-bażi tal-istimi rfinuti li issa ntbagħtu min-notifikant, ir-riskju lill-għasafar u l-mammali jista' jitqies bħala aċċettabbli.
- (7) Għaldaqstant, id-data addizzjonali pprovduta min-notifikant tippermetti li jiġu eliminati l-punti speċifiċi ta' tħassib li wasslu għan-noninklużjoni. Ebda mistoqsija xjentifika miftuħa oħra ma tfaċċat. Għaldaqstant, il-konsultazzjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza tal-Ikel ma tqisitx meħtieġa.

<sup>(1)</sup> ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 55, 29.2.2000, p. 25.<sup>(3)</sup> ĠU L 98, 7.4.2001, p. 6.<sup>(4)</sup> ĠU L 156, 16.6.2007, p. 32.<sup>(5)</sup> ĠU L 15, 18.1.2008, p. 5.

- (8) Deher mill-bosta eżamijiet li saru li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom id-diuron jistgħu jkunu mistennija li jissodisfaw, b'mod ġenerali, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1) (a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-użi li ġew eżaminati u rrapportati fid-detall fir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni. Huwa għalhekk xieraq li d-diuron jiġi inkluż fl-Anness I ta' din id-Direttiva, sabiex jiġi żgurat li fl-Istati Membri kollha l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti li fihom din is-sustanza attiva jistgħu jingħataw skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.
- (9) Huwa għalhekk xieraq li tiġi emendata d-Direttiva 91/414/KEE skond dan.
- (10) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2009 il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet

amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjonijiet bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din dakinhar tal-pubblikazzjoni uffiċjali ta' tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2008.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 29 ta' Settembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membri tal-Kummissjoni*

## ANNEX

In-notazzjoni li ġejja għandha tiżdid f'qiegħ it-tabella fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

Nru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem IUPAC	Safa (1)	Dħul fis-seħħ	Skadenza ta' inklużjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"198	Diuron Nru CAS: 330-54-1 Nru CIPAC: 100	3-(3,4-dichlorophenyl)- 1,1-dimethylurea	≥930 g/kg	1 ta' Ottubru 2008	30 ta' Settembru 2018	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss b'rati li ma jaqbżux 0.5%kg/ħa (medja arejka) jistgħu jiġu awtorizzati.  PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar id-diuron, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-11 ta' Lulju 2008 għandhom jitqiesu.  F'din l-istima ġenerali l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari lil: — is-sikurezza tal-operatur fejn il-kondizzjonijiet tal-użu għandhom jipprektrivu l-użu ta' taqgħmir personali ta' protezzjoni, jekk ikun xieraq; — il-protezzjoni ta' organiżmi tal-ilma u pjanti mhux fil-mira.  Il-kondizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq."

(1) Akter dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni ta' sustanza attiva huma pprovduti fir-rapport ta' analiżi.